**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2022/2021(INI)**

21.3.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Proġetti kbar ta' infrastruttura tat-trasport fl-UE – implimentazzjoni tal-proġetti u monitoraġġ u kontroll tal-fondi tal-UE
(2022/2021(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Colm Markey

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' s-sejbiet tar-Rapport Analitiku Nru 05/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-qafas tal-UE għal proġetti kbar ta' infrastruttura tat-trasport: tqabbil internazzjonali; jinnota li r-rieżami identifika erba' sfidi speċifiċi għall-Kummissjoni fir-rigward ta' proġetti kbar tat-trasport: analiżi insuffiċjenti tal-ispejjeż u l-benefiċċji, piż amministrattiv għoli, nuqqas ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju fil-monitoraġġ, u allinjament insuffiċjenti bejn l-istrateġiji tat-trasport tal-UE u dawk nazzjonali; ifakkar fil-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqisu bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri sabiex iħaffu l-implimentazzjoni ta' proġetti kbar ta' infrastruttura;

2. Jenfasizza li ċerti Stati Membri għandhom prestazzjoni baxxa fir-rigward tal-implimentazzjoni u ż-żamma ta' proġetti kbar ta' infrastruttura, speċjalment fil-koordinazzjoni, l-għażla, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju meta timmonitorja proġetti kofinanzjati mill-UE, f'konformità mas-sejbiet tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;

4. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li ħafna proġetti kofinanzjati mill-UE kienu soġġetti għal spejjeż żejda u dewmien sinifikanti meta mqabbla mal-estimi inizjali fl-istadju tal-ippjanar tal-proġett; jinnota li l-medja tal-qbiż tal-baġit kienet ta' aktar minn EUR 2 biljun għal kull proġett, jew żieda ta' 47 % fuq l-estimi inizjali; jiddispjaċih, barra minn hekk, dwar il-fatt li l-awditu sab li d-dewmien medju għall-proġetti kofinanzjati mill-UE studjati kien ta' 11-il sena, li huwa inaċċettabbli, u jistieden lill-Kummissjoni tirriforma l-proċess tal-għażla, tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE sabiex jiġu evitati spejjeż u ħinijiet żejda sinifikanti, biex jinkiseb l-użu solidu u effiċjenti tal-fondi pubbliċi u biex jiġu rispettati l-iskadenzi stabbiliti fin-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-iskemi ta' finanzjament rilevanti; jitlob ukoll li l-Kummissjoni timmonitorja proġetti kbar ta' infrastruttura b'mod konġunt mal-Qorti tal-Awdituri;

5. Jilqa' d-Direttiva (UE) 2021/1187 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (id-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti)[1], u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentawha b'mod aktar effettiv, b'mod partikolari fir-rigward tas-sezzjonijiet transfruntiera sabiex jiġi evitat li dawn isiru konġestjonijiet u jiġi evitat ukoll dewmien għat-tlestija tal-kurituri Ewropej tat-trasport u tat-TEN-T;

6. Iqis li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għandha taġixxi bħala inċentiv finanzjarju effettiv biex jitnaqqas id-distakk bejn l-interessi nazzjonali u l-prijoritajiet tat-trasport Ewropew, filwaqt li tikkontribwixxi għall-allinjament tal-livelli ta' prijorità u l-iskedi ta' żmien, b'mod partikolari ta' proġetti jew segmenti transfruntiera, filwaqt li

[1] ĠU L 258, 20.7.2021, p. 1.

tiżgura, fl-istess ħin, distribuzzjoni ġusta tal-finanzjament; jiddispjaċih għall-fatt li la l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u lanqas il-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru ma jippromwovu bil-qawwa l-investimenti fl-infrastruttura jew jagħtu prijorità lit-tlestija tat-TEN-T; jiddispjaċih dwar id-disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri f'termini ta' investimenti ppjanati għall-infrastruttura tat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu malajr qafas finanzjarju biex irawmu u jattiraw aħjar investimenti fi proġetti kbar ta' infrastruttura u jiżviluppaw arranġamenti finanzjarji innovattivi, b'mod partikolari permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit sabiex l-investimenti privati jiġu sfruttati;

7. Jappella biex il-baġit tal-FNE jiżdied u jissaħħaħ b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' ambizzjoni u ta' investiment finanzjarju aggregat meħtieġa biex it-TEN-T jitlesta fi żmien debitu, kif ukoll biex jiġu koperti l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mit-tisħiħ u t-tkabbir tat-TEN-T, b'mod partikolari fis-sezzjonijiet transfruntiera, u l-integrazzjoni tal-mobilità militari, il-gwerra fl-Ukrajna, il-kriżi tal-COVID-19 u l-inflazzjoni għolja; jinnota li l-QFP attwali jirrifletti l-prijoritajiet tal-Unjoni fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu fl-2020 u jisħaq li minn dak iż-żmien is-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ewropa nbidlet u hu meħtieġ aktar aġġustament tal-QFP;

8. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-finanzjament tal-FNE fi proġetti kbar ta' infrastruttura; jirrikonoxxi l-valur strateġiku tat-TEN-T u tal-FNE biex jintlaħqu objettivi ġodda fir-rigward tal-istrateġija tal-UE għal mobilità sostenibbli u intelliġenti, li tikkomplementa t-TEN-T u n-network trans-Ewropew tal-enerġija (TEN-E), u fir-rigward tal-mobilità militari msaħħa fl-UE u konnettività aktar b'saħħitha mas-sħab strateġiċi tal-Unjoni; jisħaq, b'mod partikolari, fuq l-importanza li t-TEN-T jiġi estiż biex jinkludi s-sħab tagħna fil-Viċinat tal-Lvant u li jiżdied il-pakkett baġitarju tal-mobilità militari, b'attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tas-segmenti strateġiċi tal-infrastruttura tan-network tat-trasport, sabiex jiġi appoġġjat l-użu doppju tagħhom għal skopijiet militari u ċivili, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-Unjoni;

9. Jenfasizza l-fatt li, filwaqt li t-twettiq tat-TEN-T se jrawwem it-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni madwar l-Unjoni u jgħinha tilħaq l-għanijiet soċjoekonomiċi u klimatiċi tagħha, huma meħtieġa investimenti stmati għal EUR 500 biljun biex jitlesta n-network ewlieni tat-TEN-T sal-2030 u EUR 1,5 triljun għat-TEN-T kollu kemm hu sal-2050; jenfasizza l-fatt li r-reviżjoni tar-Regolament Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network TEN-T tista' tirriżulta fil-ħtieġa ta' investiment addizzjonali;

10. Jisħaq li l-gwerra illegali u mhux ġusifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna toħloq sfidi kunsiderevoli għas-settur tat-trasport u t-turiżmu tal-UE; jinnota wkoll l-impatt li kellha l-gwerra fuq ir-rati tal-inflazzjoni fl-Unjoni b'riżultat taż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil u tal-enerġija; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li inflazzjoni għolja xxekkel is-solidità finanzjarja u t-twettiq tal-proġetti tat-trasport; jappella għal rispons koordinat mill-Unjoni flimkien ma' aktar finanzjament biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati u biex jiġi evitat kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti kbar ta' infrastruttura; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi metodoloġija għall-valutazzjoni u l-aġġustament tal-ispejjeż tal-proġetti u l-finanzjament tagħhom, li jinkludu, pereżempju, l-impatti tal-kriżijiet tal-enerġija, tal-ġeopolitika u tal-klima f'daqqa;

11. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi u

soċjali tal-gwerra illegali tar-Russja fl-Ukrajna fuq il-modi kollha tat-trasport fl-UE u tippreżenta proposta b'miżuri leġiżlattivi u/jew finanzjarji fi ħdan il-QFP biex l-effetti negattivi jittaffew;

12. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża l-FNE biex tappoġġja proġetti ta' interoperabbiltà u konnettività li jgħaqqdu n-networks tat-trasport tal-UE u l-Ukrajna; jitlob li jiġi stabbilit pakkett separat għal korsiji ta' solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied il-baġit tal-FNE attwali għall-perjodu 2021-2027 u jappella għall-ħolqien, fil-QFP li jmiss (2028-2035), ta' pakkett baġitarju addizzjonali ddedikat għat-"trasport estern" fil-FNE III, sabiex tiżdied il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE rigward proġetti transfruntiera u l-bini tal-infrastruttura;

13. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tal-frontloading tal-FNE biex jiġi żgurat li l-flus allokati jintużaw sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

14. Jemmen li, meta titqies ir-realtà ġeopolitika attwali, il-prijoritajiet il-ġodda tal-UE għandhom jiġu marbuta ma' fondi addizzjonali, u m'għandhomx isiru għad-detriment ta' programmi u prijoritajiet oħra tat-trasport; jisħaq li sabiex tiġi żgurata t-tlestija tan-network TEN-T fiż-żmien stipulat, huwa essenzjali li l-livell ta' finanzjament, inkluż il-finanzjament tal-Unjoni, jaqbel mal-ambizzjoni u l-ħtiġijiet finanzjarji aggregati tal-proġetti ta' infrastruttura; jitlob li l-finanzjament tal-FNE għall-prijoritajiet tat-trasport jiżdied u jiġi delimitat; jopponi r-riallokazzjonijiet u t-tnaqqis tal-baġit mill-Kummissjoni, li qed tneħħi l-finanzjament mill-programmi ta' finanzjament stabbiliti fil-QFP u tallokah għal strumenti ġodda, bħar-riallokazzjoni ta' EUR 400 miljun mill-FNE għall-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep fi ħdan il-programm Ewropa diġitali; jisħaq li l-fondi tat-trasport tal-FNE jridu jintużaw biss għal inizjattivi relatati mat-trasport;

15. Jappella sabiex il-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej jiffukaw aktar fuq l-investimenti fit-trasport, għar-replikazzjoni tal-istrateġiji effiċjenti tal-FNE, għat-tfittxija ta' sinerġiji bejn il-governanza tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej u l-FNE, li wriet l-effiċjenza kbira tagħha, u għall-għażla ta' proġetti b'valur miżjud Ewropew għoli;

16. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' investiment akbar fi studji ta' prefattibbiltà u studji ta' fattibbiltà f'waqthom, id-definizzjoni tal-ambitu, id-disinn dettaljat u l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-istadji bikrin tal-proġett biex jiġi evitat dewmien li jiswa ħafna flus fil-fażijiet ta' ppjanar u kostruzzjoni aktar tard u biex jiġi indirizzat it-tħassib pubbliku u jittaffew il-bażijiet għal oġġezzjonijiet serjali u foloz li jservu biex idewmu l-proċess b'mod mhux ġustifikat; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-oġġezzjonijiet biex jiġi żgurat li kwalunkwe tħassib li jitqajjem ikun validu;

17. Jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar RePower EU u l-intenzjoni tagħha li tistabbilixxi żoni "go-to" bi proċeduri simplifikati għall-għoti ta' permessi għal infrastruttura kritika tal-enerġija; jinnota li kunċett simili jista' jiġi estiż għal proġetti kritiċi ta' infrastruttura tat-trasport; jenfasizza l-fatt li f'ħafna Stati Membri jingħata trattament prijoritarju lil ċerti kategoriji ta' proġetti abbażi tal-importanza strateġika tagħhom, ikkaratterizzata minn skedi ta' żmien iqsar u proċeduri simultanji u/jew simplifikati; iqis li meta qafas bħal dan jeżisti fi ħdan qafas legali nazzjonali, dan għandu japplika awtomatikament għal proġetti tat-TEN-T; jappella lill-Istati Membri li

l-oqfsa legali nazzjonali tagħhom ma jipprovdux trattament prijoritarju biex dan jistabbiluh għall-proġetti tat-trasport;

18. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' proċessi regolatorji simplifikati biex jiġu żgurati konsultazzjoni pubblika xierqa u valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, filwaqt li jiġi żgurat li l-proġetti ta' infrastruttura kritiċi ma jiġux imblukkati bla bżonn; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw l-iskedi ta' żmien stabbiliti fid-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti għal dawk il-proċessi regolatorji sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn;

19. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura ta' għoti ta' permessi simplifikata u armonizzata, inkluż għall-valutazzjonijiet ambjentali; jinnota li skedi ta' żmien iqsar, proċeduri simultanji u perjodi ta' żmien limitati għall-valutazzjoni tal-appelli ġew indikati bħala miżuri meħtieġa għal sistema aktar effiċjenti fil-livell nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċedura komuni simplifikata bil-għan li jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-promoturi tal-proġetti u tiġi żgurata proċedura b'anqas xkiel u effiċjenti, mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fi kwalunkwe ċirkostanza;

20. Jisħaq li proċeduri multipli, differenti u kumplessi għall-għoti ta' permessi, proċeduri ta' akkwist transfruntier u proċeduri oħra jfixklu ħafna l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti u spiss jirriżultaw f'dewmien sinifikanti u fi spejjeż akbar; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-benefiċċji li jkun hemm awtorità maħtura waħda għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi fil-livell nazzjonali; ifakkar li d-Direttiva TEN-T Intelliġenti tirrikjedi li l-Istati Membri jimplimentaw proċedura simplifikata ta' punt uniku ta' kuntatt biex titnaqqas il-kumplessità, tittejjeb l-effiċjenza u tiżdied it-trasparenza tal-proċeduri;

21. Jisħaq li l-Istati Membri u l-promoturi tal-proġetti għandhom jikkonformaw mad-Direttiva dwar TEN-T Intelliġenti sabiex jiġu evitati dewmien u spejjeż żejda u biex tiġi żgurata t-tlestija f'waqtha tat-TEN-T; f'dan ir-rigward, jitlob li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi, inklużi l-valutazzjonijiet ambjentali, jitwettqu skont il-miżuri u l-perjodi ta' żmien imqassra tad-direttiva;

22. Jinnota li l-evalwazzjoni *ex post* hija għodda importanti biex jiġi pprovdut għarfien dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, il-prestazzjoni u l-eżiti tal-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport u biex il-pubbliku jiġi infurmat; jappella għal evalwazzjoni *ex post* sistematika tal-proġetti l-kbar tat-trasport kofinanzjati mill-UE minn partijiet terzi rikonoxxuti u indipendenti skont il-kriterji ta' koerenza, effikaċja, effiċjenza u valur miżjud Ewropew, inkluża analiżi aġġornata tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, u jitlob li jiġi żgurat li dawn l-evalwazzjonijiet jikkontribwixxu għall-proċeduri għal proġetti futuri;

23. Ifakkar li l-manutenzjoni hija ta' importanza kbira biex jiġu żgurati proġetti tat-trasport li jiffunzjonaw tajjeb fit-tul u li jkunu ta' kwalità għolja; jenfasizza l-fatt li bil-manutenzjoni perjodika u regolari jiġu ffrankati l-flus matul il-ħajja ta' proġett; jappella għal manutenzjoni xierqa tal-proġetti kbar ta' infrastruttura li jkunu tlestew; jistieden lill-Istati Membri u lill-promoturi tal-proġetti biex jibbaġitjaw għall-ispejjeż ta' manutenzjoni matul l-istadji tal-ippjanar għat-tul tal-ħajja tal-proġetti ta' infrastruttura;

jinsisti li dan ir-rekwiżit ikun prekundizzjoni biex wieħed jirċievi finanzjament mill-FNE;

24. Jistieden lill-Istati Membri jużaw it-tagħlimiet meħuda mill-proġetti TEN-T li għaddejjin bħalissa meta jikkunsidraw proġetti ta' infrastruttura ġodda ffinanzjati mill-UE u jikkondividu l-aħjar prattiki u l-informazzjoni rilevanti fil-ħin u b'mod effettiv, bl-għan aħħari li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport;

25. Jemmen bis-sħiħ li proġetti kbar li jinvolvu l-modernizzazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura fil-modi kollha tat-trasport, bħall-elettrifikazzjoni tan-network ferrovjarju ewlieni, se jiżguraw valur miżjud Ewropew f'termini ta' konnettività, klima u għanijiet diġitali;

26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu lit-tlestija tan-network ewlieni tat-TEN-T fl-intier tagħha sal-2030 prijorità fuq it-tlestija tan-networks estiżi u komprensivi, filwaqt li jiżguraw it-tlestija fil-ħin tan-network komprensiv; jappella sabiex il-proġetti nazzjonali li mhumiex allinjati mal-prijoritajiet tat-TEN-T ma jitqisux bħala prijorità biex jirċievu fondi Ewropej;

27. Jappella għall-allinjament u l-koordinazzjoni bejn il-prijoritajiet tal-UE u l-pjanijiet nazzjonali għall-infrastruttura tat-trasport; jisħaq li l-Istati Membri għandhom jiżguraw koerenza bejn ir-Regolament TEN-T u l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għat-trasport u l-investiment; jisħaq li l-proġetti fi ħdan il-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri m'għandhomx jingħataw prijorità fuq proġetti li jkunu allinjati mal-objettivi tat-trasport tal-Unjoni; jenfasizza li l-finanzjament u l-istrumenti finanzjarji tal-UE li jiffinanzjaw proġetti kbar ta' infrastruttura għandhom jintużaw biex jippromwovu konnettività Ewropea usa' aktar milli għall-prijoritizzazzjoni jew il-protezzjoni tal-interessi nazzjonali;

28. Jappella sabiex tingħata prijorità lil proġetti ta' interkonnettività transfruntiera mmirati biex jitneħħew il-konġestjonijiet, jiġu indirizzati l-konnessjonijiet neqsin, jiġu identifikati segmenti strateġiċi u jittejbu l-konnettività transfruntiera u l-proġetti għall-interkonnettività u għal modi differenti ta' trasport li jippromwovu l-multimodalità u s-sostenibbiltà; iqis li proġetti transfruntiera u ta' konnessjonijiet neqsin jipprovdu l-ogħla valur miżjud Ewropew u jisħaq li l-kisba urġenti tagħhom hija tal-ogħla prijorità;

29. Ifakkar fl-importanza li tiżdied il-konnettività tan-network, li tiddependi mill-interkonnessjoni ta' proġetti li spiss jiġu implimentati minn diversi Stati Membri tul kuritur wieħed; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li tiġi enfasizzata u inċentivata l-kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet fil-livelli kollha minn Stati Membri differenti fit-tnaqqis tad-dewmien u tal-ispejjeż f'każijiet ta' allinjament ħażin tal-iskedi u l-prijoritajiet; jitlob li jissaħħaħ ir-rwol tal-koordinaturi tat-TEN-T biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni u t-twettiq bla xkiel ta' proġetti transfruntiera u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura tul il-kurituri;

30. Jappella għal sinerġiji aktar b'saħħithom fil-modi kollha tat-trasport; jinnota n-nuqqas ta' konnettività bejn l-ajruporti u l-portijiet bil-ferrovija f'ħafna Stati Membri u jitlob li tiġi indirizzata l-konnettività multimodali għall-portijiet u l-ajruporti ewlenin tat-TEN-T;

31. Jirrikonoxxi li s-sistemi tat-trasport u tal-enerġija huma interkonnessi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-Network TEN-E jkun kompatibbli, fejn applikabbli, mat-TEN-T, kif ukoll mar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi, sabiex jitrawmu sinerġiji bejn in-networks u jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda lakuna fl-arkitettura ta' appoġġ sabiex tinkiseb l-indipendenza strateġika; jappella għall-bini ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment fuq skala kbira tul it-TEN-T, sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni u biex jinkiseb approċċ komprensiv għall-infiq pubbliku fuq l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi; jirrikonoxxi l-importanza tad-disponibbiltà u l-kisba ta' ammonti sostanzjali ta' enerġija ekoloġika għad-dekarbonizzazzjoni b'suċċess tas-settur tat-trasport;

32. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu promossi sinerġiji bejn in-networks TEN-T u TEN-E, sabiex jiżdiedu b'mod sinifikanti l-produzzjoni, il-provvista u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni;

33. Jenfasizza l-potenzjal tal-portijiet fil-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ għall-ħolqien ta' fjuwil rinnovabbli; jirrikonoxxi r-rwol sinerġistiku li t-TEN-E u t-TEN-T jista' jkollhom fit-twettiq ta' dan il-potenzjal;

34. Jinnota l-ħtieġa fuq perjodu ta' żmien qasir li jiġi importat gass naturali likwifikat bħala fjuwil tranżizzjonali;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tissottometti rapport annwali ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali li jiddeskrivi b'mod ġenerali l-progress miksub fir-rigward tat-tlestija tat-TEN-T, kif ukoll ir-raġunijiet li jispjegaw xi dewmien possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitolu dwar il-proġetti kollha ffinanzjati mill-FNE, fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, li qed jiffaċċjaw dewmien ta' aktar minn sentejn; jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw il-kawżi tad-dewmien u jipproponu azzjoni biex jiżguraw ir-riżoluzzjoni rapida ta' dawn il-kwistjonijiet; iqis li dewmien sinifikanti mhux ġustifikat għandu jirriżulta fit-tnaqqis jew l-irtirar tal-għotjiet taħt il-FNE;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi qafas leġiżlattiv sabiex toħloq Żona Unika Ewropea għall-Infurzar Diġitali, sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar responsabbli jkunu jistgħu jwettqu kontrolli u spezzjonijiet tat-trasport kummerċjali bit-triq li jkunu mmirati u bbażati fuq ir-riskju;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti l-kbar tal-infrastruttura tat-trasport ikunu allinjati mal-objettivi fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-istrateġija tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, is-sikurezza, l-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà tat-trasport, kif ukoll għall-ħolqien tal-impjiegi fis-settur;

38. Jisħaq fuq l-importanza li titwettaq analiżi soċjoekonomika bir-reqqa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt ambjentali b'metodoloġija standardizzata bl-użu tal-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja kollu għal kull proġett kbir ta' infrastruttura tat-trasport;

39. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment sinifikanti fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, u biex jiġu implimentati soluzzjonijiet innovattivi tat-trasport u

soluzzjonijiet bħall-bidla modali, il-mobilità b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-introduzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), kemm abbord kif ukoll fuq l-art, u ta' fjuwils alternattivi sabiex jiġu indirizzati l-konġestjoni u t-tniġġis tal-arja; jenfasizza, barra minn hekk, li l-investimenti huma meħtieġa biex jittejbu s-sikurezza, l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tat-trasport, kif ukoll biex tiżdied ir-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għall-perikli klimatiċi u ġeopolitiċi;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lil proġetti tat-trasport intelliġenti u sostenibbli u li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-kapaċità u l-interoperabilità f'modi ta' trasport intelliġenti u sostenibbli, inkluża l-mobilità attiva; iqis li l-politiki u l-appoġġ Ewropej għandhom jikkunsidraw b'mod dovut il-faċilitazzjoni taċ-ċikliżmu meta jibnu jew itejbu l-infrastruttura tat-TEN-T, filwaqt li għandu jiġi appoġġjat l-iżvilupp tan-network EuroVelo;

41. Jappella lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi bis-sħiħ il-valur miżjud Ewropew tan-network tat-trasport EuroVelo u biex tiddedika porzjon akbar tal-finanzjament tat-trasport lill-infrastruttura ta' mobilità attiva bħall-infrastruttura taċ-ċikliżmu;

42. Jinnota li l-fjuwils alternattivi, l-infrastruttura tal-grilja elettrika u provvista akbar ta' enerġija sostenibbli huma kritiċi biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-indipendenza strateġika;

43. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li l-implimentazzjoni tal-ERTMS fuq is-sistemi ferrovjarji interkonnessi titlesta sal-2030; jenfasizza li dan il-proċess ilu għaddej għal aktar minn 20 sena u jistieden lill-Istati Membri b'sistemi ferrovjarji interkonnessi jispjegaw id-dewmien u jressqu minnufih pjanijiet nazzjonali biex jimplimentaw l-ERTMS; ifakkar fl-eżenzjoni għall-Istati Membri b'network iżolat;

44. Jilqa' l-pjan RePowerEU tal-Kummissjoni u jitlobha tindirizza kwistjonijiet relatati mal-provvista ta' fjuwils rinnovabbli tat-trasport u l-ispejjeż tat-trasport u tal-enerġija li qed jiżdiedu u ttejjeb l-indipendenza enerġetika fl-Unjoni;

45. Jappella sabiex jiġi rikonoxxut il-valur miżjud speċifiku fi proġetti li jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tant meħtieġa tal-bini ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi madwar l-Unjoni; jappella sabiex isir ftehim malajr dwar ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u għall-implimentazzjoni tiegħu;

46. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-portijiet marittimi bħala ċentri tal-enerġija nadifa tal-futur u faċilitaturi importanti tat-tranżizzjoni tal-enerġija madwar l-Ewropa; jinnota li, f'dan ir-rwol, il-portijiet marittimi se jkunu essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2050, kif ukoll l-ambizzjonijiet deskritti fil-pjan REPowerEU; jisħaq li l-portijiet marittimi qed jassumu dejjem aktar responsabilitajiet ġodda u huma involuti f'servizzi ġodda, bħall-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli, ir-riċerka dwar l-ekonomija blu, u l-mobilità militari; jinnota li, fir-rwol tagħhom bħala atturi b'diversi servizzi, il-portijiet marittimi jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għal ekonomija Ewropea sostenibbli, diġitali u reżiljenti;

47. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konnettività tal-pajjiżi u r-reġjuni, inklużi, b'mod partikolari, il-pajjiżi u r-reġjuni remoti, insulari u ultraperiferiċi, kif ukoll dawk milquta

mill-gwerra ta' aggressjoni Russa illegali u mhux ġustifikata fl-Ukrajna, u/jew il-Brexit; jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li l-kooperazzjoni dwar it-trasport mar-Russja u l-Belarussja tieqaf;

48. Jirrikonoxxi l-importanza tat-TEN-T għal konnettività mtejba mas-sħab strateġiċi f'pajjiżi mhux tal-UE; jappella lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-konnessjonijiet transfruntiera mas-sħab fil-Viċinat tal-Lvant u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u r-Renju Unit; jappella, f'dan ir-rigward, l-integrazzjoni rapida tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Schengen, peress li din ittejjeb b'mod sinifikanti l-konnettività bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fl-Ewropa tal-Lvant;

49. Ifakkar fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2022 dwar korsiji ta' solidarjetà, li tiddeskrivi diversi sfidi għall-infrastruttura tat-trasport li qed jiffaċċjaw l-UE u l-ġirien tagħha; jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati dawn l-isfidi sabiex jiġu appoġġjati s-sigurtà globali tal-ikel u l-irkupru tal-ekonomija Ukrena; jisħaq li l-komunikazzjoni pproponiet il-valutazzjoni tal-estensjoni tal-kurituri Ewropej tat-trasport fl-Ukrajna u fir-Repubblika tal-Moldova; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Ukrajna u l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-konnessjonijiet ferrovjarji bejn l-Ukrajna u l-UE bil-ħsieb tal-integrazzjoni futura tal-faċilitajiet tat-trasport Ukreni fit-TEN-T.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 21.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 0<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Karolin Braunsberger-Reinhold, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Carlo Fidanza, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov, Lucia Vuolo, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Tom Berendsen, Sara Cerdas, Leila Chaibi, Nicola Danti, Andor Deli, Markus Ferber, Valter Flego, Maria Grapini, Andrey Novakov, Andreas Schieder |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Asim Ademov, Moritz Körner |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 31 | + |
|---|---|
| ECR | Carlo Fidanza, Kosma Złotowski |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Asim Ademov, Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Markus Ferber, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Andrey Novakov, Massimiliano Salini, Lucia Vuolo |
| Renew | Nicola Danti, Valter Flego, Elsi Katainen, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet |
| S&D | Andris Ameriks, Erik Bergkvist, Sara Cerdas, Ismail Ertug, Maria Grapini, Rovana Plumb, Andreas Schieder, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 9 | 0 |
|---|---|
| ECR | Peter Lundgren |
| ID | Philippe Olivier |
| NI | Andor Deli |
| The Left | Leila Chaibi, Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Tilly Metz |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni